MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 510/2010

**Intercomp Marketing Limited C-20612**

**vs**

**Christopher Emanuel Alexander Formosa**
**I.D. 306906 L**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut l-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u sebgha u tmenin ewro u sittax-il centezmi (€1587.16), liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma "*computer hardware*" mixtri minghand is-socjeta' attrici skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba markati bhala Dok A, B, C u D.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ahhar pagament u cioe’ mit-28 ta’ Jannar, 2009 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ ta’ elf, hames mija u sebgha u tmenin ewro u sittax-il centezmi (€1587.16), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------